MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 279/2003

**Vivienne Galea**

**vs**

**Andrew Thomas Hughes**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta’ l-attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) rapprezentanti in kwantu ghal elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) bhala sitt xhur kera tal-fond 38, Triq il-Kbira, Naxxar, skond kuntratt tas-26 ta’ Novembru, 2001, in kwantu ghal tlitt mija u sitta u disghin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm396.68) bhala kontijiet pendenti tad-dawl u ilma fuq l-istess fond, in kwantu ghal erba’ mija u wiehed u tletin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm431.62) bhala kont pendenti tal-Maltacom fuq l-istess fond u in kwantu ghal sitt mija u tnejn u sebghin lira u tletin centezmu (Lm672.30) bhala danni kagunati fl-istess fond.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-27 ta' Frar, 2003, u l-imghaxijiet legali sal-jum tal-pagament effettiv.

Semghet ix-xhieda ta' l-attrici fil-kontumacja tal-konvenut u billi l-Qorti hija sodisfatta li l-attrici ghandha ragun fit-talba
taghha.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------